C/2024/5439

6.9.2024

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda mhux minuri għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott skont l-Artikolu 50(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(C/2024/5439)

Fi żmien 3 xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni, l-awtoritajiet ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz, jew persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u li tkun stabbilita jew residenti f'pajjiż terz, jistgħu jippreżentaw, f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), oppożizzjoni mal-Kummissjoni.

APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA GĦALL-ISPEĊIFIKAZZJONI TAL-PRODOTT TA' DENOMINAZZJONIJIET TA' ORIĠINI PROTETTI/INDIKAZZJONIJIET ĠEOGRAFIĊI PROTETTI LI MHIJIEX MINURI

Applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

"Espárrago de Huétor–Tájar"

Nru tal-UE: PGI-ES-0056-AM01

Ippreżentat fit-18.10.2019

DOP X **IĠP**

1. Grupp ta' applikanti u interess leġittimu

- Isem tal-grupp applikant:

Consejo Regulador de la Indicación Geográfica Protegida "Espárrago de Huétor–Tájar" [Bord Regolatorju tal-IĠP "Espárrago de Huétor–Tájar"]

Indirizz: Ctra. De la Estación s/n – 18.360 Huétor–Tájar (Granada, Spanja)

Tel. +34 958333443

Indirizz e-mail: info@esparragodehuetortajar.com

Kompożizzjoni jew forma ġuridika:

Il-Bord Regolatorju għall-IĠP "Espárrago de Huétor-Tájar" huwa korporazzjoni tal-liġi pubblika mingħajr skop ta' qligħ, rikonoxxut bħala l-korp maniġerjali tal-IĠP mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru. Dan jirrappreżenta l-interessi tas-setturi involuti fil-produzzjoni tal-isparġ protett: il-kultivaturi (bdiewa) u l-proċessuri (immaniġġjar tal-isparġ frisk u l-impjanti tal-mili f'laned). Huwa rregolat demokratikament u fuq il-prinċipju li l-interessi ekonomiċi u industrijali li jikkostitwuh, u b'mod partikolari l-interessi minoritarji, għandhom ikunu rappreżentati b'mod ugwali, u dan huwa fil-fatt il-każ. Barra minn hekk, il-Bord Regolatorju għandu l-kapaċità ġuridika li jissottometti din l-applikazzjoni għal emenda f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, speċifikament l-Artikolu 13(2)(a) tal-Liġi tal-Gvern ta' Andalusija 2/2011 tal-25 ta' Marzu 2011 dwar is-sajd u l-kwalità tal-ikel.

2. Stat membru jew pajjiż terz

Spanja

([1]) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).

3. **Intestatura fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott affettwata mill-emenda/i**

☐ Isem il-prodott

☒ Deskrizzjoni tal-prodott

☐ Żona ġeografika

☒ Prova tal-oriġini

☒ Metodu ta' produzzjoni

☒ Link

☒ Tikkettar

☒ Oħrajn (rekwiżiti ġuridiċi u kontrolli tal-konformità tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott)

4. **Tip ta' emenda/(i)**

☒ Emenda tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

☐ Emenda tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' DOP jew IĠP irreġistrata li għaliha ma ġie ppubblikat l-ebda Dokument Uniku (jew ekwivalenti) u li ma għandhiex tikkwalifika bħala minuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012.

5. **Emenda/(i)**

5.1. *Definizzjoni ġdida tal-ispeċijiet botaniċi tal-popolazzjonijiet tal-ispraġ lokali li jinsabu f'Huétor–Tájar u r-ristrutturar tas-subtaqsimiet. Taqsima B) DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT*

Din l-emenda tikkonċerna l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott fl-ewwel paragrafu tat-Taqsima B) DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT. Barra minn hekk, biex it-Taqsima B) kollha tkun aktar faċli biex tinftiehem, ġiet ristrutturata fi tliet subtaqsimiet: B.1. – Definizzjoni tal-prodott; B.2. – Karatteristiċi tal-varjetà lokali; u B.3. – Standards għall-prodotti mibjugħa friski jew fil-landa.

Deskrizzjoni dettaljata tal-bidliet u r-raġuni għall-emenda

Il-kliem "*Asparagus officinalis L. subespecie genéticamente tetraploide*, simili..." ġie sostitwit b'"varjetà lokali magħrufa bħala '*Espárrago Verde Morado de Huétor-Tájar*' jew '*Morado de Huétor*' (*Asparagus maritimus Mill. x Asparagus officinalis L.*), magħrufa bl-Ispanjol bħala *'espárragos trigueros'*, peress li għandhom karatteristiċi simili...". Fi tmiem it-tieni paragrafu "tas-seklu" ġie sostitwit b'"tas-seklu 20".

L-emenda tikkonċerna d-definizzjoni l-ġdida tal-popolazzjoni lokali tal-ispraġ ta' Huétor-Tájar, kif stabbilit f'din it-Taqsima (B). Id-definizzjoni l-ġdida tirriżulta mill-għarfien xjentifiku aġġornat dwar il-prodott miksub matul l-aħħar 20 sena.

L-istudji ta' karatterizzazzjoni ġenetika dwar l-"Espárrago de Huétor-Tájar" mid-Dipartiment tal-Ġenetika tal-Pjanti tal-Università ta' Córdoba jipprovdu l-bażi xjentifika għal din il-bidla. Din ir-riċerka, li tinvolvi analiżi tad-DNA (mikrosatellita), turi li l-varjetà lokali oriġinat fil-bidu tas-seklu 20 mill-ibridizzazzjoni naturali tal-ispeċi kkultivata *Asparagus officinalis* (diplojde 2x) u l-ispeċi selvaġġa *Asparagus maritimus* (eżaplojde 6x), li tipproduċi inkroċju interspeċifiku. L-*Asparagus maritimus* Mill. huwa l-aktar speċi dominanti, li jammonta għal żewġ terzi (66,67 %) tal-ġermoplażma tal-"Espárrago de Huétor-Tájar", filwaqt li l-ispeċi *Asparagus officinalis* L. tirrappreżenta biss terz (33,33 %). Dan jagħtiha karatteristiċi filoġenetiċi uniċi li huma deskritti fil-letteratura xjentifika estensiva ppubblikata dwar il-ġenetika u l-fitokimika tal-"Espárrago de Huétor-Tájar". Il-kliem "tas-seklu 20" ġie miżjud biex jiġi ċċarat li jirreferi għas-seklu 20.

5.2. *L-aġġornament tal-karatteristiċi morfoloġiċi u organolettiċi, u t-tneħħija tad-deskrizzjoni ċitoloġika u tal-markaturi tal-isoenzimi tal-popolazzjoni lokali ta' Huétor-Tájar. Taqsima B) DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT*

Din l-emenda taffettwa l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott fit-Taqsima B) DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT, bit-2 sal-10 paragrafu inklużi.

Deskrizzjoni dettaljata tal-bidliet u r-raġuni għall-emenda

It-tieni paragrafu, "Il-karatteristiċi tal-popolazzjonijiet indiġeni huma dawn li ġejjin:", ġie sostitwit bi:

B.2. - Karatteristiċi tal-varjetà lokali

Il-karatteristiċi li jiddistingwu l-varjetà lokali ta' Huétor-Tájar minn varjetajiet kummerċjali oħra ta' spraġ aħdar li jinsabu madwar id-dinja huma kif ġej:

Barra minn hekk, il-kliem tat-3 paragrafu ġie emendat:

— *Dehra viżiva: Iz-zkuk tal-ispraġ għandhom kulur vjola, vjola fil-bronż, bronż, aħdar fil-vjola jew aħdar. Huma rqaq (dijametru ta' 4–12-il mm) u l-ponta hija ppuntata jew konika u usa' mill-bqija taz-zokk. Iz-zkuk għandhom "xpruni" żgħar taħt il-brakti.*

Dan ta' hawn fuq ġie aġġornat kif ġej:

— *Dehra viżiva: Il-kulur tal-antoċjanina – vjola, vjola fil-bronż, bronż, aħdar fil-vjola jew aħdar – jista' jinstab kemm fiz-zokk kif ukoll fil-ponta. Iz-zkuk tal-ispraġ huma dritti u ċilindriċi. Dawn ivarjaw minn irqaq sa medji (ġeneralment dijametru ta' bejn 4 mm u 16-il mm), u l-ponta hija ppuntata jew konika u usa' mill-bqija taz-zokk (forma ta' lanza). Iz-zkuk għandhom "xpruni" żgħar taħt il-brakti u linji ħfief jistgħu jkunu viżibbli fuq il-qoxra.*

Id-deskrizzjoni fiżika tal-prodott ġiet estiża bħala riżultat tal-avvanzi fl-għarfien tekniku u xjentifiku tal-"Espárrago de Huétor-Tájar". Hemm enfasi fuq il-karatteristiċi speċifiċi li ġejja mill-ispeċi li minnha toriġina, *Asparagus maritimus Mill*. It-test issa jiddeskrivi z-zkuk tal-ispraġ bħala dritti u li għandhom ponta f'forma ta' lanza, li huma karatteristiċi li jiddistingwuh mill-varjetajiet tal-ispraġ aħdar kummerċjali tal-ispeċi *Asparagus officinalis* L. Il-fatt li linji ħfief jistgħu jkunu viżibbli fuq il-qoxra issa jissemma wkoll. Dan id-deskrittur huwa assoċjat ma' speċi differenti tal-ispraġ "triguero" selvaġġ, inkluż *A. marittimus* Mill. Bidla oħra fid-deskrizzjoni tad-dehra viżiva hija żieda fil-valur ta' fuq tal-medda ta' dijametru normali, li issa hija 4–16-il mm minflok 4–12-il mm. Din il-bidla seħħet minħabba li, bħala riżultat tax-xogħol iebes tal-bdiewa lokali fl-għażla tal-pjanti, issa huwa possibbli li jinkisbu pjanti tal-ispraġ aktar uniformi u vigoruż mill-popolazzjoni "Espárrago Verde Morado de Huétor-Tájar".

Il-kliem tar-raba' (4) paragrafu ġie emendat:

— *Proprjetajiet organolettiċi: It-tiswira tal-ispraġ hija ratba, laħmija u soda. Għandu togħma delikata ta' ħlewwa morra u aroma intensa li tfakkar fl-ispraġ "triguero" selvaġġ.*

Dan ta' hawn fuq ġie aġġornat kif ġej:

— *Proprjetajiet organolettiċi: Meta jkun frisk, it-tiswira tal-ispraġ tkun tarija, laħmija u ratba. Iz-zkuk huma flessibbli ħafna: skont id-dijametru – aktar kemm ikun irqiq iz-zokk, aktar jitgħawweġ – xi whud jistgħu jitgħawġu 'l fuq minn 70° mingħajr ma jinqasmu. L-ispraġ għandu togħma delikata ħelwa morra u aroma intensa.*

Id-deskrizzjoni organolettika ġiet estiża bħala riżultat tal-informazzjoni li waslet dwar l-ittestjar sensorjali tal-"Espárrago de Huétor-Tájar" li sar fl-Università ta' Granada fl-2003 (Dipartiment tan-Nutrizzjoni u x-Xjenza Alimentari, l-Iskola tal-Farmaċija). Fid-deskrizzjoni, "soda" ġiet sostitwita bil-kelma"ratba", parametru reoloġiku marbut mal-fermezza li, minħabba li huwa irħas u aktar faċli biex jitkejjel, inaqqas l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni. Il-kejl tal-fermezza tal-ispraġ jeħtieġ analizzatur tat-tiswira, li jinvolvi proċess ta' ttestjar għoli u kumpless. B'kuntrast ma' dan, l-irtubija tal-ispraġ tista' titkejjel fil-flessibbiltà tiegħu, jiġifieri kemm jista' jitgħawweġ, li huwa faċli, rapidu u rħis ħafna biex isir. Ġie introdott parametru oġġettiv u li jista' jitkejjel għall-proprjetajiet reoloġiċi li huma speċifiċi għall-"Espárrago de Huétor-Tájar": għandu jkun possibbli li z-zkuk jitgħawġu mill-inqas 70º mingħajr ma jinqasmu. Din hija karatteristika distintiva tal-ispraġ "triguero" selvaġġ u tal-"Espárrago de Huétor-Tájar" li ma jinstabx fl-ispraġ tal-ġnien aktar riġidu u fibruż (*Asparagus officinalis* L.). Il-kliem "li jfakkar fl-ispraġ 'triguero' selvaġġ" tneħħew ukoll mid-deskrizzjoni organolettika, peress li din il-fraži ma pprovdiet l-ebda informazzjoni deskrittiva fil-livell organolettiku u s-similarità tal-prodott mal-ispraġ "triguero" diġà ssemma fid-definizzjoni tal-prodott (is-subtaqsima B.1).

Il-paragrafi 5 sa 9 tħassru:

— *Ċitoloġija... (2n = 40)*

— *isoenzimi... Euphytica 61: 169–179).*

Id-deskrizzjoni ċitoloġika u ċ-ċitazzjoni li tirreferi għall-markaturi tal-isoenzimi inklużi fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott preċedenti tneħħew minħabba li huma skaduti fid-dawl tal-aħħar riċerka ġenetika dwar l-"Espárrago de Huétor-Tájar". Barra minn hekk, mhumiex meħtieġa deskritturi ġenetiċi għall-istandardizzazzjoni tal-"Espárrago de Huétor-Tájar". Deskrizzjoni tad-dehra viżiva u tal-karatteristiċi organolettiċi hija aktar minn biżżejjed, u aktar faċli u irħas biex tiġi evalwata. Dawn huma wkoll fatturi ta' differenzjazzjoni ewlenin, peress li hemm korrispondenza mill-qrib u ċara ħafna bejn dawn il-markaturi u l-ġenetika tal-"Espárrago de Huétor-Tájar" (*Asparagus maritimus* Mill. x *Asparagus officinalis* L.).

Il-paragrafu 10 ġie emendat:

Bis-saħħa ta' dawn il-karatteristiċi, l-isprajż nattiv ta' Huétor-Tájar jista' faċilment jingħaraf, f'termini kemm tad-dehra viżiva kif ukoll tal-ġenetika, minn varjetajiet oħra ta' sprajż aħdar mibjugħ madwar id-dinja.

Ġie aġġornat kif ġej:

Bis-saħħa ta' dawn il-karatteristiċi, li huma definiti b'mod ċar ħafna, l-isprajż nattiv ta' Huétor-Tájar jista' faċilment jingħaraf, f'termini kemm tad-dehra viżiva kif ukoll tal-proprjetajiet organolettiċi, minn varjetajiet oħra ta' sprajż aħdar mibjugħ madwar id-dinja, kollha kemm huma sprajż tal-ġnien (isem botaniku Asparagus officinalis L.).

Hemm enfasi fuq id-differenzi kbar (f'termini ta' dehra viżiva u proprjetajiet organolettiċi) bejn l-"Espárrago de Huétor-Tájar" u varjetajiet kummerċjali oħra tal-isprajż aħdar disponibbli bħalissa. Ir-raġuni għal dawn id-differenzi tinsab fis-separazzjoni ġenetika konsiderevoli bejn l-ispeċi *Asparagus officinalis* L. u *Asparagus maritimus* Mill. Dan tal-aħħar huwa relatat mill-qrib mal-"Espárrago de Huétor-Tájar".

5.3. *Aġġornament tal-istandards ta' klassifikazzjoni u kummerċjali għall-prodotti koperti mill-IĠP "Espárrago de Huétor-Tájar". Taqsima B) DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT*

Din l-emenda taffettwa l-ispeċifikazzjoni mill-11-il paragrafu tat-Taqsima B) DESKRIZZJONI TAL-PRODOTT. Din tikkonċerna l-aġġornament tal-informazzjoni teknika dwar il-klassifikazzjoni tal-prodotti koperti mill-IĠP u mibjugħa friski jew fil-laned. Dan għaliex il-prattiki kummerċjali, il-proċeduri ta' spezzjoni u l-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti ċċertifikati ġew aġġornati.

Deskrizzjoni dettaljata tal-bidliet u r-raġuni għall-emenda

L-istruttura tas-subtaqsima u l-kliem tal-paragrafu 11 ġew aġġornati:

L-isprajż jista' jinbiegħ frisk jew fil-laned. Meta jinbiegħ frisk, iz-zkuk tal-isprajż iridu jkunu intatti, friski fid-dehra viżiva, b'riħa friska, b'saħħithom, mhux imbenġla, ħielsa minn ħsara kkawżata minn pesti, u mingħajr umdità esterna li ma tkunx ir-riżultat li z-zkuk ikunu ġew imxarrba qabel ma jitqiegħdu fl-imballaġġ. L-isprajż... u vjola.

Dan ta' hawn fuq ġie sostitwit b'dan li ġej:

B.3. – Standards għall-prodotti mibjugħa friski jew fil-landa

L-isprajż jista' jinbiegħ frisk jew fil-laned.

Prodotti li għandhom jinbiegħu friski

Id-daqs u l-klassijiet deskritti hawn taħt għandhom jintużaw biex l-isprajż jinbiegħ frisk, li jrid ikun frisk fid-dehra viżiva u b'riħa friska, b'saħħtu, mhux imbenġel, mhux maqsum, mingħajr ħsara minn pesti, taħsir jew deterjorament, nadif u ħieles minn umdità esterna anormali meta ppreżentat fi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti għall-prodotti friski. L-isprajż... u vjola.

Il-kliem tal-paragrafu 14(a) "klassi 'Extra'" ġie emendat:

(a) *il-klassi "Extra": L-isprajż f'din il-klassi... "friegħi" żgħar taħt il-brakti. Il-blanzun apikali għandu jingħalaq, għalkemm huwa permess xi ftuħ tal-ponot ħafif bħala sinjal ta' tixjiħ... il-blanzuni tal-fjuri ma jisporġux minn taħt il-weraq żgħar. F'din il-klassi, sinjali ta' injam fil-bażi taz-zokk iridu jkunu limitati għal mhux aktar minn kwart tat-tul totali tal-isprajż.*

Dan ta' hawn fuq ġie sostitwit b'dan li ġej:

(a) *"Extra": L-isprajż f'din il-klassi... "friegħi" żgħar taħt il-brakti. Xi kultant jistgħu jkunu viżibbli linji ħfief fuq il-ġilda. Il-blanzun apikali għandu jingħalaq, għalkemm huwa permess xi ftuħ tal-ponot ħafif bħala sinjal ta' tixjiħ [...] il-blanzuni tal-fjuri jew il-blanzuni axxillarji huma viżibbli biss fuq il-weraq tal-isprajż tal-ponta tal-isprajż. Il-qatgħa fil-bażi tan-nebbieta għandha tkun dritta, bħala prova ta' standardizzazzjoni.*

Il-kliem tal-paragrafu 15(b) "Klassi 'I'" ġie emendat:

(b) *Klassi I: Zkuk tal-isprajż tal-Klassi I... Klassi "extra",... il-blanzuni tal-fjuri ma jisporġux minn taħt il-weraq żgħar, u l-injam fil-bażi taz-zokk huwa permess sa terz tat-tul totali tal-isprajż.*

Dan ta' hawn fuq ġie sostitwit b'dan li ġej:

(b) *"I": Zkuk tal-isprajż f'din il-klassi... "Extra"... il-blanzuni tal-fjuri jew il-blanzuni axxillarji ma jisporġux taħt il-weraq żgħar tal-ponta tal-isprajż. Il-qatgħa fil-bażi tan-nebbieta għandha tkun dritta, għalkemm tiġi aċċettata qatgħa dritta fuq waħda djagonali magħmula matul il-ħsad, bħala prova ta' standardizzazzjoni. Tarf abjad fil-bażi taz-zokk huwa permess f'din il-klassi sakemm mhuwiex itwal minn wieħed minn tmienja tat-tul totali tal-isprajż.*

L-ammont permess tal-ftuħ tal-ponta bħala sinjal ta' tixjiħ huwa deskritt b'mod aktar preċiż, u jistabbilixxi differenza aktar ċara bejn ir-rekwiżiti għaż-żewġ klassijiet. Ir-referenzi għal "l-injam fil-qiegħ taz-zokk tal-isprajż" tħassru għaż-żewġ klassijiet minħabba d-diffikultà teknika li tiġi vverifikata l-konformità ma' tali rekwiżiti. Minfloku, ġie introdott rekwiżit aktar oġġettiv u li jista' jitkejjel: tarf abjad fil-bażi taz-zokk.

Il-kliem tal-paragrafi 17 sa 19, dwar it-"Tqassim skont id-Daqs", ġie emendat:

(a) *Iz-zkuk tal-isprajż għandhom ikunu twal bejn 20 cm u 27 cm. Il-varjazzjoni massima permessa fit-tul f'qatta waħda hija ta' 5 cm.*

(b) *Id-dijametru minimu huwa ta' 4 mm għaż-żewġ klassijiet. Hemm żewġ kategoriji ta' dijametru: 4–10 mm, u 10 mm u aktar.*

Dan ta' hawn fuq ġie sostitwit b'dan li ġej:

It-tqassim skont id-daqs skont it-tul huwa kif ġej:

(a) *"Sprajż", "sprajż sħiħ" jew "sprajż twil": Iz-zkuk iridu jkunu twal bejn 17 cm u 27 cm. Il-varjazzjoni massima permessa fit-tul f'qatta waħda hija ta' 5 cm.*

(b) *"Sprajż qasir": Iz-zkuk iridu jkunu twal bejn 12 cm u 17 cm. Il-varjazzjoni massima permessa fit-tul f'qatta waħda jew pakkett wieħed hija ta' 4 cm.*

(c) *"Ponot tal-isprajż": Iz-zkuk iridu jkunu twal bejn 7 cm u 12 cm. Il-varjazzjoni massima permessa fit-tul f'qatta waħda jew pakkett wieħed hija ta' 4 cm.*

(d) *"Bċejjeċ tal-isprajż": Zkuk tal-isprajż maqtugħin b'mod trasversali f'biċċiet twal 2–7 cm.*

Il-prodotti ppreżentati fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-formati tat-tul iridu jinkisbu mill-"isprajż sħiħ" jew mill-"isprajż twil" li l-ewwel ġie kklassifikat bħala "Extra" jew "I".

It-tqassim tad-daqs skont id-dijametru huwa kif ġej:

Id-dijametru minimu huwa ta' 4 mm għaż-żewġ kategoriji. Id-differenza fid-dijametru bejn l-eħxen u l-irqaq zkuk f'pakkett wieħed jew f'qatta waħda ma tistax taqbeż it-8 mm.

Il-kliem tal-paragrafi 21 sa 23, dwar it-"Tolleranzi", ġie emendat:

Kull pakkett jista' jkun fih ċertu ammont ta' prodott li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-kwalità u tad-daqs tal-klassi inkwistjoni, filwaqt li jirrispetta l-limiti ta' tolleranza stabbiliti hawn taħt.

(a) *Tolleranzi tal-kwalità: Il-pakketti tal-isprajż tal-klassi "Extra" jista' jkun fihom sa 5 %, skont l-għadd jew il-piż, tal-prodotti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dik il-klassi iżda li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-Klassi "I" jew, f'każijiet eċċezzjonali, li jaqgħu taħt it-tolleranzi stabbiliti għall-Klassi "I". Il-pakketti tal-isprajż tal-Klassi "I" jista' jkun fihom sa 10 %, skont l-għadd jew il-piż, ta' sprajż li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dik il-klassi iżda li jissodisfa r-rekwiżiti għall-prodotti tal-Klassi "II" stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2377/1999 tad-9 ta' Novembru 1999.*

(b) *Tolleranzi tad-daqs: 10 %, skont in-numru... rekwiżiti applikabbli.*

Dan ta' hawn fuq ġie sostitwit b'dan li ġej:

(a) *Tolleranzi tal-kwalità: Il-pakketti tal-isprajż tal-klassi "Extra" jista' jkun fihom sa 5 %, skont l-għadd jew il-piż, tal-prodotti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dik il-klassi iżda li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-Klassi "I" jew, f'każijiet eċċezzjonali, li jaqgħu taħt it-tolleranzi stabbiliti għall-Klassi "I". Il-pakketti tal-isprajż tal-Klassi "I" jista' jkun fihom sa 10 %, skont l-għadd jew il-piż, ta' sprajż li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dik il-klassi.*

(b) *Tolleranzi tad-daqs: Sa 10 %, skont in-numru... rekwiżiti applikabbli.*

Ġew miżjuda paragrafi ġodda li jiddeskrivu l-preżentazzjoni tal-prodott finali f'aktar dettall:

L-isparġ jista' jiġi ppreżentat b'wieħed minn żewġ modi:

(a) *F'qatet marbuta b'mod sikur sa 2 kg;*

(b) *Sfużi jew magħquda f'pakketti żgħar mqiegħda ġewwa pakketti jew kaxxi sa 6 kg.*

Il-kontenut ta' kull pakkett żgħir jew kaxxa jew ta' kull qatta jrid ikun uniformi, bi sparġ tal-istess format, firxiet tad-daqs (tul u dijametru), piż u kategorija.

Ir-rekwiżiti tat-tqassim skont id-daqs (kemm it-tul kif ukoll id-dijametru), it-tolleranzi tal-kwalità u r-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-prodott ġew aġġustati biex jiġu allinjati, sa ċertu punt, mar-regoli internazzjonali dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-isparġ aħdar frisk u l-prattiki kummerċjali stabbiliti fl-Unjoni Ewropea. Madankollu, dawn ir-regoli dwar it-tqassim skont id-daqs ivarjaw mill-istandard internazzjonali minħabba li l-"Espárrago de Huétor-Tájar" huwa popolazzjoni lokali tal-isparġ affettwata minn varjazzjoni akbar mill-varjetajiet kummerċjali tal-isparġ aħdar, li joriġinaw minn ibridi mtejba tal-*Asparagus officinalis* L. u għalhekk huma aktar omoġenji fid-daqs u l-forma.

Fl-aħħar nett, il-paragrafu 24, dwar l-isparġ fil-landa, tħassar:

L-isparġ fil-landa jista' jkun jew intatt jew imqatta' f'biċċiet u jrid ikun prodott tal-klassi "Extra" jew tal-klassi "I".

It-Taqsima dwar ir-regoli għall-isparġ fil-landa nkitbet mill-ġdid.

Verżjoni ġdida:

Prodotti li jinbiegħu fil-laned

L-"Espárrago de Huétor-Tájar" fil-landa huwa tradizzjonalment ippreservat jew fis-salmura (ilma, melħ u aċidu ċitriku) jew fiż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni. Likwidi oħra ta' preservazzjoni awtorizzati għall-użu fl-industrija tal-ikel jistgħu jintużaw ukoll.

L-isparġ fil-landa jista' jiġi ppreżentat sħiħ jew f'biċċiet, iggradat bl-użu tal-klassijiet tal-kwalità "Extra" u "I" stabbiliti f'din l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott. Il-formati disponibbli għall-bejgħ huma kif ġej:

— *"Sparġ" jew "zkuk tal-isparġ": li jikkonsistu fil-ponta u z-zokk u b'tul ta' mill-inqas 12-il cm;*

— *"Sparġ qasir": zkuk li jikkonsistu fil-ponta u z-zokk u b'tul ta' bejn 7 cm u 12-il cm;*

— *"Ponot tal-isparġ": biċċiet magħmulin mill-ponta u parti miz-zokk u b'tul ta' bejn 2 cm u 7 cm;*

— *"Biċċiet tal-isparġ": biċċiet irqaq twal bejn 2 cm u 7 cm, maqtugħin b'mod trasversali, b'ponot li jinkludu mill-inqas 25 % tal-piż mingħajr ilma.*

L-isparġ irid jiġi kklassifikat ukoll abbażi tad-dijametru ta' sezzjoni trasversali taz-zokk, biex il-prodott jingħata dehra viżiva uniformi fil-firxiet li ġejjin:

Isem il-kategorija tad-dijametru	*Dijametru f'mm*
Irqiq	*taħt 9*
Medju	*9 sa 11*
Oħxon	*11 sa 14*
Oħxon ħafna	*14 sa 19*
Oħxon iżżejjed	*'il fuq minn 19*

It-tabella li ġejja tistabbilixxi l-parametru tal-kwalità u t-tolleranzi permessi applikabbli għal kull waħda miż-żewġ klassijiet:

Parametru ta' kwalità	*Klassi "Extra"*	*Klassi "I"*
Ftuħ tal-ponot bħala sinjal ta' tixjiħ	*L-istess bħal għall-isparġ mibjugħ frisk*	*L-istess bħal għall-isparġ mibjugħ frisk*
Uniformità tat-tul	*1,10*	*1,15*
Dardir tal-likwidu tal-preservazzjoni, salmura (indiċi tat-turbidità Kertesz) (*)	*4*	*2*
Tolleranza tad-daqs	*5 %*	*10 %*
Difetti fit-tiswira	*5 %*	*10 %*
Difetti oħra	*5 %*	*10 %*

(*) Ir-rekwiżit tad-dardir tal-likwidu tal-preservazzjoni ma japplikax għall-produzzjoni ppreservata fiż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni.

Il-piż mingħajr ilma jiġi ddeterminat mit-tip ta' imballaġġ użat. Il-proporzjon tal-piż mingħajr ilma tar-reżistenza għall-volum (g sa cm³) huwa ta' 0,50.

Minbarra li tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni attwali u ta' din l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, it-tikketta trid tiddikjara wkoll il-piż mingħajr ilma, il-kapaċità tal-pakkett, id-daqs taz-zokk tal-isparġ u l-għadd approssimattiv ta' zkuk li jinsabu f'kull pakkett żgħir (dan ma japplikax għall-format tal-"biċċiet tal-isparġ").

L-istandards għall-"Espárrago de Huétor-Tájar" fil-landa ma kinux inklużi fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott preċedenti minħabba li tqies li l-prodott għandu sempliċiment jikkonforma mal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-isparġ fil-landa. Madankollu, dik il-leġiżlazzjoni tapplika għall-prodotti mill-ispeċi *Asparagus officinalis* L. u, kif urejna, l-"Espárrago de Huétor-Tájar" ma jappartjenix għal dik l-ispeċi botanika iżda minflok huwa ibridu (*Asparagus maritimus* Mill. x *Asparagus officinalis* L.) mhux kopert mil-liġi nazzjonali dwar l-isparġ fil-landa, għalhekk kienu meħtieġa regoli ġodda. It-test inkluż fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott jistabbilixxi l-likwidi ta' preservazzjoni awtorizzati, bis-salmura (ilma, melħ u aċidu ċitriku) u żejt taż-żebbuġa ekstra verġni meqjusa tradizzjonali, u jħalli miftuħa l-possibbiltà li jintużaw likwidi oħra ta' preservazzjoni li jistgħu jitqiesu xierqa fil-futur, dment li jkunu awtorizzati għall-użu fl-industrija tal-ikel. Il-parametri tal-kwalità huma stabbiliti għal kull klassi u likwidu ta' preservazzjoni, bl-użu tal-istess ismijiet tal-klassi bħal dawk tal-prodott frisk.

5.4. *Aġġornament tal-isem ta' waħda mill-muniċipalitajiet taż-żona tal-produzzjoni. Taqsima C) ŻONA ĠEOGRAFIKA*

Din l-emenda taffettwa l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott fl-aħħar tal-ewwel paragrafu tat-Taqsima C) ŻONA ĠEOGRAFIKA.

Deskrizzjoni qasira u raġuni għall-emenda

Il-"Villanueva de Mesías" inbidel għal "Villanueva Mesía".

L-emenda tikkonsisti fit-tibdil tal-isem ta' waħda mill-muniċipalitajiet fiż-żona tal-produzzjoni tal-IĠP "Espárrago de Huétor-Tájar", li ġie kkonfermat mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

5.5. *L-aġġornament tal-kliem fis-subtaqsima "Oriġini taż-Żerriegħa" għal deskrizzjoni aktar preċiża tas-sistema tal-produzzjoni taż-żrieragħ, u l-aġġornament tar-responsabbiltajiet ta' spezzjoni tal-Bord Regolatorju. Taqsima D) Prova li l-prodott oriġina miż-żona*

Din l-emenda tikkonċerna l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, fiż-żewġ paragrafi tas-subtaqsima "Oriġini taż-żrieragħ" tat-Taqsima D) Prova li l-prodott oriġina miż-żona.

Deskrizzjoni qasira u raġuni għall-emenda

Biex tittejjeb l-istruttura tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, l-intestatura tas-subtaqsima "Oriġini taż-Żerriegħa" ġiet ittikkettata D.1.

Il-kliem tat-taqsima "Oriġini taż-żerriegħa" ġie rivedut, u jiddefinixxi aħjar ix-xogħol ta' dawk li jrabbu ż-żrieragħ u tinkludi r-rekwiżit li dawn jiġu elenkati fir-Reġistru taż-Żerriegħa u tal-Ħmiemel tal-Forniment tal-Ħmiemel taż-Żerriegħa kif ukoll ir-rekwiżiti ta' konformità u ta' kontroll li huma soġġetti għalihom. Ir-referenza għall-Bord Regolatorju li huwa responsabbli għall-monitoraġġ tal-għażla u l-propagazzjoni tal-materjal tal-pjanti tneħħiet, peress li din hija r-responsabbiltà tal-korp li jivverifika l-konformità mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott. Mhuwiex ir-rwol tal-Bord Regolatorju, li jaġixxi bħala l-korp maniġerjali għall-IĠP.

5.6. *Aġġornament tal-kliem fis-subtaqsima "Karatteristiċi tal-prodott". Taqsima D) Prova li l-prodott oriġina miż-żona*

Din l-emenda tikkonċerna l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, fil-paragrafu tas-subtaqsima "Karatteristiċi tal-prodott" tat-Taqsima D) Prova li l-prodott oriġina fiż-żona.

Deskrizzjoni qasira u raġuni għall-emenda

Biex tittejjeb l-istruttura tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, l-intestatura tas-subtaqsima "Karatteristiċi tal-prodott" ġiet ittikkettata D.2.

Fit-taqsima "Karatteristiċi tal-prodott", il-kliem "natura indiġena tal-materjal tal-pjanti (kultivar jew varjetà)" tneħħa u ġie sostitwit b'"natura indiġena tal-materjal tal-pjanti (varjetà lokali)". Din l-emenda saret minħabba li l-"Espárrago de Huétor-Tájar" mhuwiex fil-fatt kultivar (jew varjetà) minnu nnifsu, iżda pjuttost popolazzjoni tal-isparġ ta' oriġini lokali.

Tneħħa wkoll dan li ġej: "... il-kundizzjonijiet tat-tkabbir u, fil-każ tal-isparġ fil-landa, il-kundizzjonijiet tal-ipproċessar". Dan ġie sostitwit b'"... il-kundizzjonijiet tat-tkabbir, tal-immaniġġjar u tal-ipproċessar". Din il-bidla saret minħabba li t-test għandu jkopri kemm l-immaniġġjar tal-isparġ frisk kif ukoll il-proċess industrijali tal-mili f'laned.

5.7. *Aġġornament tal-kliem fis-sottotaqsima "Kontrolli u ċertifikazzjoni". Taqsima D) Prova li l-prodott oriġina miż-żona*

Din l-emenda tikkonċerna l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, fil-paragrafu tas-subtaqsima "Kontrolli u ċertifikazzjoni" tat-Taqsima "D) Prova li l-prodott oriġina miż-żona".

Deskrizzjoni qasira u raġuni għall-emenda

L-emenda tikkonċerna l-aġġornament tal-kliem ta' din is-subtaqsima. Wara 20 sena, hemm ħafna kunċetti skaduti li jridu jiġu kkoreġuti f'diversi paragrafi.

Biex tittejjeb l-istruttura tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, l-intestatura tas-subtaqsima "Kontrolli u ċertifikazzjoni" ġiet ittikkettata D.3.

Il-punt (a) ġie rivedut biex jiddeskrivi d-diversi modi ta' propagazzjoni tal-materjal tal-pjanti (iż-żrigħ dirett taż-żrieragħ, it-tħawwil ta' nebbieta u kuruni, u biċċiet mill-pjanti omm) f'aktar dettall. Issa qed jiġi ċċarat li l-ħmiemel li jfornu ż-żrieragħ iridu jkunu jinsabu fiż-żona tal-produzzjoni, peress li l-proċess kollu tat-tnissil taż-żerriegħa huwa marbut mill-qrib mal-oriġini.

Il-punt (b) ġie rivedut u issa jiddeskrivi b'mod aktar preċiż il-kontrolli applikabbli għall-għażla tal-ġenotipi tal-isparġ għar-riproduzzjoni tal-pjanti. Dan ma kienx inkluż fil-verżjoni preċedenti tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott. Ir-responsabbiltà għall-kontrolli ma għadhiex attribwita lill-Bord Regolatorju.

Fil-punt (c), il-frażi "... u kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE applikabbli" ġiet sostitwita bi "... u kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli".

Il-kliem tal-punt (d) preċedenti ġie aġġornat u inkorporat fil-punt il-ġdid (d), li jkopri l-kontrolli kollha tal-proċess tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-materjal tal-pjanti.

Il-punt (e) – li sar il-punt (d) – ġie aġġornat bit-tneħħija ta' informazzjoni skaduta u inkonsistenti bħall-involviment tal-korp ta' ġestjoni tal-IĠP (il-Bord Regolatorju) fil-kontrolli u ż-żieda ta' referenza għall-imballaġġ taż-żerriegħa (mhux inkluż fil-verżjoni preċedenti) flimkien mat-tnissil u l-kummerċjalizzazzjoni taż-żerriegħa. It-test issa jirreferi wkoll għal "dokument ta' sostenn" li jrid jiġi pprovdut flimkien ma' materjal tal-pjanti sabiex tiġi żgurata t-traċċabbiltà mill-ħmiemel tal-pjanti li jfornu ż-żerriegħa li jinsabu fiż-żona tal-produzzjoni.

Il-punt (f) – li sar il-punt (e) – ġie estiż. Issa jsemmi r-"Reġistru tal-Ħmiemel tal-Isparġ", li fih iridu jiġu elenkati l-azjendi agrikoli tal-isparġ, u jagħmilha ċara li l-materjal tal-pjanti tal-isparġ irid ikun materjal ikkontrollat tal-varjetà lokali mill-ħmiemel ġenituri li jfornu ż-żerriegħa.

Iddaħħal punt ġdid (f). Dan jistabbilixxi kontrolli ġodda li għandhom jitwettqu meta l-isprajż jiġi kkunsinnat mill-azjendi agrikoli lill-impjanti tal-immaniġġjar ta' prodotti friski u lill-impjanti tal-mili f'laned.

Il-punt (g) ġie aġġornat, u tħassret informazzjoni skaduta u inkongruenti billi ġiet sostitwita l-frażi *"... iridu jkunu dawk stabbiliti fir-Regolament jew rakkomandati mill-Bord Regolatorju, u l-prattiki se jiġu mmonitorjati..." b' "... iridu jkunu dawk stabbiliti fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, u l-prattiki se jiġu mmonitorjati..."*.

Il-kliem fit-Taqsima (i) ġie aġġornat. Il-kliem *"Il-prodott irid jinħażen f'ċentri ta' kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti friski jew f'impjanti tal-mili f'laned irreġistrati li jinsabu fiż-żona tal-produzzjoni"* ġew sostitwiti bi: *Il-prodott irid jinħażen f'impjanti tal-immaniġġjar ta' prodotti friski jew f'impjanti rreġistrati tal-mili f'laned li jinsabu fiż-żona tal-produzzjoni u elenkati fir-Reġistru tal-Bejjiegħa ta' Prodotti Friski jew fir-Reġistru tal-Impjanti tal-Mili f'Laned, rispettivament*.

Il-punt (j) ġie aġġornat, u tħassret informazzjoni skaduta u inkongruwenti. Tneħħa dan li ġej: *Il-Bord Regolatorju se jimmonitorja l-immaniġġjar, l-imballaġġ, il-preżentazzjoni, il-preparazzjoni, id-dispaċċ u t-trasport tal-isprajż u jista' jistabbilixxi regoli speċifiċi għal kull ħsad annwali*. Issa jgħid: *L-immaniġġjar, l-imballaġġ, il-preżentazzjoni, il-preparazzjoni, it-tikkettar u d-dispaċċ tal-isprajż se jiġu mmonitorjati u jridu jsiru fiż-żona tal-produzzjoni*. It-trasport tneħħa minħabba li l-proċess ta' ċertifikazzjoni tal-oriġini jintemm meta jintbagħat il-prodott. Il-prodott finali qatt ma jiġi ttrasportat bejn l-operaturi fiż-żona tal-produzzjoni. Il-kontrolli possibbli li għandhom jitwettqu mill-Bord Regolatorju tħassru, peress li r-responsabbiltà ewlenija ta' dan tal-aħħar hija bħala korp ta' ġestjoni għall-IĠP.

Il-punt (k), fejn *"Kemm il-prodotti friski kif ukoll dawk fil-laned iridu jgħaddu mill-ittestjar fiżiku u kimiku (biex jiġu kkontrollati r-residwi u n-nitrati tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti) u l-ittestjar sensorjali"*, tħassar. L-ittestjar għar-residwi tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u għan-nitrati fl-isprajż huma kontrolli obbligatorji. Dawn jiffurmaw parti minn leġiżlazzjoni usa', u ma hemm l-ebda rekwiżit addizzjonali għall-inklużjoni fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal din l-IĠP. L-analiżi organolettika hija koperta mill-kliem tal-punt il-ġdid (k).

Fl-aħħar nett, il-punt (l) ġie aġġornat u sar il-punt (k). Issa jiddikjara li, minbarra l-kontrolli li għandhom jitwettqu matul il-proċess kollu, il-prodott finali huwa wkoll soġġett għal kontrolli tal-konformità mat-Taqsima B.3. Ir-referenza għall-korp maniġerjali (Bord Regolatorju) tħassret ukoll.

5.8. *L-aġġornament tal-kliem tas-subtaqsima "L-għażla taż-żerriegħa u t-tħawwil ta' ħammiela", li jiċċara u jespandi l-informazzjoni. Taqsima E) KIF JINKISEB IL-PRODOTT*

Din l-emenda tikkonċerna l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, fil-paragrafu tas-subtaqsima "L-għażla taż-żerriegħa u t-tħawwil ta' ħammiela", fit-Taqsima E) KIF JINKISEB IL-PRODOTT.

Deskrizzjoni qasira u raġuni għall-emenda

L-emenda tikkonċerna l-aġġornament tal-kliem ta' din is-subtaqsima. Wara 20 sena, hemm ħafna prattiki li qed jikbru u ta' kontroll li jeħtieġu kjarifika akbar jew aktar informazzjoni.

Biex tittejjeb l-istruttura tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, l-intestatura tas-subtaqsima "L-għażla taż-żerriegħa u t-tħawwil ta' ħammiela" ġiet ittikkettata E.1.

Subsezzjoni E.1. (L-għażla taż-żerriegħa u t-tħawwil tal-ħammiela) ġiet riveduta u estiża. Minħabba li l-proċess biex jinkiseb materjal tal-pjanti indiġenu huwa importanti ħafna għall-IĠP, l-informazzjoni teknika f'din is-subtaqsima – dwar l-għażla tan-nebbieta ġenituri, id-dakkir, it-tħejjija ta' nebbieta fertilizzati fis-sajf u l-ħsad taż-żrieragħ mill-pjanti magħżula fil-ħarifa – ġiet imtejba u estiża.

Huwa meħtieġ ċertu grad ta' uniformità (kriterji tal-għażla) tal-pjanti tal-isprajż (maskili u femminili) magħżula fuq roqgħa art partikolari. Iridu jkunu ffurmati sew, vigorużi u iżolati minn pjanti oħra tal-isprajż mhux magħżula li jkunu fl-istess stadju li jiffjorixxu biex jiġi evitat id-dakkir mhux ikkontrollat. It-test il-ġdid jiddeskrivi l-proċess tal-iżolament tal-pjanti omm u l-użu ta' dakkir miftuħ fuq l-irqajja' tal-art tal-isprajż infushom jew tad-dakkir ġestit bl-użu tat-trab tad-dakra maħsud minn sprajż maskili magħżul, u l-protezzjoni tal-pjanti femminili bi xbieki kontra l-insetti.

It-test issa jiddeskrivi l-proċess tal-ġbir u t-tħejjija taż-żrieragħ. L-informazzjoni dwar iż-żrigħ tal-ħmiemel ġiet riveduta, filwaqt li tneħħew id-dati taż-żrigħ, it-tul ta' żmien li l-pjanti jibqgħu fil-ħammiela u r-rekwiżit li jiġu rrappurtati lill-korp maniġerjali tal-IĠP. It-tekniki attwali użati biex jitrabbew iż-żrieragħ fi ħmiemel f'kundizzjonijiet ta' serer jirriżultaw fi pjanti aktar b'saħħithomu aktar uniformi, għalhekk in-nebbieta tal-isprej jistgħu jinkisbu barra mid-dati li fihom kienu disponibbli tradizzjonalment.

Fl-aħħar nett, il-verżjoni l-ġdida tiddikjara li l-ħmiemel magħżula għal skopijiet ta' tnissil taż-żrieragħ għandhom jiġu elenkati fir-Reġistru taż-Żerriegħa u tal-Ħmiemel tal-Forniment tal-Ħmiemel taż-Żerriegħa.

5.9. *L-aġġornament tal-kliem tas-subtaqsima "Tħawwil tal-għalla tal-isprej", is-sostituzzjoni tar-referenzi skaduti u l-espansjoni tal-informazzjoni. Taqsima E) KIF JINKISEB IL-PRODOTT*

Din l-emenda tikkonċerna l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, fil-paragrafu tas-subtaqsima "It-tħawwil tal-għalla tal-isprej", fit-Taqsima E) KIF JINKISEB IL-PRODOTT.

Deskrizzjoni qasira u raġuni għall-emenda

L-emenda tikkonċerna l-aġġornament tal-kliem ta' din is-subtaqsima. Wara 20 sena, hemm ħafna prattiki li qed jikbru u ta' kontroll li jeħtieġu kjarifika akbar jew aktar informazzjoni.

Biex tittejjeb l-istruttura tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, l-intestatura tas-subtaqsima "It-tħawwil tal-għalla tal-isprej" ġiet ittikkettata E.2.

Din is-subtaqsima ġiet riveduta u saret aktar preċiża. Issa qed jingħataw dettalji dwar id-diversi prattiki tradizzjonali ta' tħawwil segwiti fl-irziezet tal-isprej ta' Huétor-Tájar: it-tħawwil ta' kuruni (pjanti), iż-żrigħ taż-żrieragħ direttament fl-art, jew it-tħawwil ta' nebbieta mkabbra fis-serer. Il-firxa tad-dati tat-tħawwil issa hija usa' minn dik taħt il-verżjoni preċedenti tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, li kienet tipprevedi biss it-tħawwil ta' kuruni. Il-kuruni jistgħu jitħawlu mix-xitwa sal-aħħar tar-rebbiegħa, filwaqt li ż-żrigħ taż-żerriegħa jew it-tħawwil tan-nebbieta jistgħu jsiru matul il-perjodu tar-rebbiegħa u tas-sajf.

It-test ma għadux jiddikjara li "jitwettaq studju ta' qabel it-tħawwil tal-ħamrija biex jitkejjel kemm il-ħamrija hija xierqa għat-tkabbir tal-isprej u biex jiġi kkalkulat jekk il-kontenut minerali jew organiku tagħha jeħtieġx li jiġi aġġustat". Din hija rakkomandazzjoni għal prattiki ta' tkabbir u mhux rekwiżit li jeħtieġ li jiġi inkluż fi Speċifikazzjoni tal-Prodott. Dan għaliex intwera li l-isprej jista' jitkabbar fi kwalunkwe waħda mill-firxa wiesgħa ta' tipi ta' ħamrija li jinsabu fiż-żona tal-produzzjoni ta' Huétor-Tájar, u l-ebda tip ta' ħamrija mhuwa esklużż.

Il-verżjoni l-ġdida tispeċifika l-proċedura għaż-żrigħ taż-żrieragħ direttament fl-art, li ma kinitx koperta fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott preċedenti. Il-frażi "... u miksija b'saff irqiq ta' ħamrija ratba" inbidlet għal "... u miksija b'saff ta' ħamrija". Il-frażi li ġejja tħassret: *Il-kuruna trid titħalla tikber għal sena jew sentejn, skont il-kwalità tal-ħamrija, sabiex ir-riżomi jkunu jistgħu jipproduċu blanzuni vijabbli li kapaċi jipproduċu żkuk tal-isprej ta' kwalità tajba*. Il-prattika li l-kuruni jitħallew jikbru għal sentejn hija skaduta u mhux essenzjali għall-kwalità tal-pjanti. Din il-prattika, li issa ma għadhiex tintuża, ġiet segwita minħabba l-ġerminazzjoni fqira taż-żrieragħ fil-ħamrija, in-nuqqas ta' tekniki ta' fertigazzjoni u r-rata ta' tkabbir bil-mod tal-materjal tal-pjanta indiġena Huétor-Tájar, li huwa inqas vigoruż minn varjetajiet oħra ta' sprej aħdar, li kollha kemm huma kienu jeħtieġu ċiklu ta' tkabbir tal-kuruna ta' sentejn. Sistemi moderni użati għall-produzzjoni ta' kuruni – u b'mod partikolari "sfurzar" tan-nebbieta fis-serer – ifissru li l-kuruni issa jeħtieġu inqas minn sena u n-nebbieta bejn 3 u 4 xhur.

Fl-aħħar nett, l-informazzjoni skaduta fl-aħħar paragrafu ġiet aġġornata. Minflok "Sabiex il-prodott ikun kopert mid-Denominazzjoni, il-ħammiela tal-isprej li minnha jiġi trid tiġi elenkata mal-Bord Regolatorju fix-xitwa qabel l-ewwel ħsad tiegħu", is-sentenza issa taqra "Għall-produzzjoni li trid tkun koperta mill-IĠP, il-ħammiela tal-isprej li minnha jiġi trid tiġi elenkata fir-Reġistru tal-Ħammiela tal-Isprej qabel l-ewwel ħsad tiegħu". Minflok ma jiġi ddikjarat li r-reġistrazzjoni trid issir fix-xitwa, huwa aktar preċiż li jiġi ddikjarat li din trid tkun qabel il-ħsad, peress li l-ħsad tal-isprej xi drabi jista' jibda lejn l-aħħar ta' Jannar jew fil-bidu ta' Frar fi snin aktar sħan.

5.10. *L-aġġornament tal-kliem tas-subtaqsima "Tkabbir tal-isprej", is-sostituzzjoni tar-referenzi skaduti, il-kjarifika u l-espansjoni tal-informazzjoni. Taqsima E) KIF JINKISEB IL-PRODOTT*

Din l-emenda tikkonċerna l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, fil-paragrafu tas-subtaqsima "Tkabbir tal-isprej", fit-Taqsima E) KIF JINKISEB IL-PRODOTT.

Deskrizzjoni qasira u raġuni għall-emenda

L-emenda tikkonċerna l-aġġornament tal-kliem ta' din is-subtaqsima, it-tneħħija tar-rakkomandazzjonijiet għat-tkabbir li mhumiex fost l-aspetti li għandhom jiġu rregolati fi Speċifikazzjoni tal-Prodott, jew li huma parti minn leġiżlazzjoni usa'. Prattiki ta' tkabbir u ta' kontroll aktar speċifiċi ġew ukoll dettaljati kif meħtieġ.

Biex tittejjeb l-istruttura tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, l-intestatura tas-subtaqsima "Tkabbir tal-isprej" ġiet ittikkettata E.3.

Il-biċċa l-kbira ta' din is-subtaqsima ġiet riveduta. L-informazzjoni skaduta mill-ewwel paragrafu ġiet aġġornata. L-applikazzjoni moderna tal-fertilizzanti u t-tekniki moderni tat-tisqija jfissru li l-ħmiemel tal-isprej żgħar jistgħu jiżviluppaw perfettament fuq ċiklu ta' tkabbir ta' sena u għalhekk jistgħu jinħasdu s-sena ta' wara, u b'hekk ma hemmx bżonn li l-ħsad jiġi pospost sat-tielet sena wara ż-żrigħ.

Id-deskrizzjoni tal-"prattiki ta' tkabbir imwettqa matul is-sena" inkluża fil-verżjoni preċedenti tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott (il-preparazzjoni tal-ħamrija ta' qabel it-tħawwil, l-applikazzjoni tal-bażi u ta' faxx fuq wiċċ ir-raba', l-applikazzjoni ta' qabel u wara l-ħsad tat-trattamenti għall-protezzjoni tal-pjanti, l-irrigazzjoni, il-ħdim u lqugħ tal-frondi fil-ħarifa) tneħħiet kompletament. Xi whud minn dawn il-prattiki ta' kultivazzjoni jitqiesu bħala rakkomandazzjonijiet, u oħrajn huma koperti minn leġiżlazzjoni aktar ġenerali, u għalhekk ma jitqisux bħala rekwiżiti ta' kultivazzjoni essenzjali li jeħtieġ li jiġu inklużi fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott. Madankollu, hemm żewġ prattiki ta' kultivazzjoni li huma speċifiċi għaż-żona tal-"Espárrago de Huétor-Tájar", li huma deċiżivi għall-kwalità tal-prodott, u jiffurmaw parti mit-tradizzjoni tat-tkabbir tal-isprej f'din il-parti tal-provinċja ta' Granada (marbuta mal-fattur uman), jiġifieri:

— Il-mudell speċifiku tat-tħawwil użat meta tiġi stabbilita u żviluppata għalla tal-isprej, li tħalli 1,4–1.6 m bejn ir-ringieli u 50–70 cm bejn il-pjanti.

— Il-prattika tal-kisi bil-ħamrija gradwali tal-isprej tinsab matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu.

5.11. *L-aġġornament tal-kliem tas-subtaqsima "Ħsad, trasport u kunsinna tal-isprej għal pjanti ta' produzzjoni friska", is-sostituzzjoni ta' referenzi skaduti, l-aġġornament u l-kjarifika tal-prattiki, u l-istabbiliment ta' rekwiżiti ġodda b'impatt deċiżiv fuq il-kwalità tal-prodott. Taqsima E) KIF JINKISEB IL-PRODOTT*

Din l-emenda tikkonċerna l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, fil-paragrafu tas-subtaqsima "Ħsad, trasport u kunsinna tal-isprej lil impjanti ta' produzzjoni friska", fit-Taqsima E) KIF JINKISEB IL-PRODOTT.

Deskrizzjoni qasira u raġuni għall-emenda

L-għan tal-emenda huwa li taġġorna l-informazzjoni f'din is-subtaqsima billi tagħti dettalji dwar il-prattiki ta' mmaniġġjar għall-materja prima fl-għalqa, u kif tiġi ttrasportata u kkonsenjata lil pjanti ta' prodotti friski.

Biex tittejjeb l-istruttura tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, l-intestatura ta' din is-subtaqsima ġiet ittikkettata E.4.

Uħud mill-paragrafi ta' din is-subtaqsima ġew riveduti.

Fl-ewwel paragrafu, minflok *"Il-ħsad jibda fit-tieni jew fit-tielet sena wara t-tħawwil, li jdum 15 jew 30 jum, u mit-tielet sena 'l quddiem ikopri l-istaġun kollu, mill-bidu ta' Marzu sa nofs Ġunju"*, issa jgħid:

"L-għalla tista' tinħasad mis-sena ta' wara li tinżera'. Id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-ħsad kull sena jiddependu mill-kundizzjonijiet tat-temp, li ġeneralment iseħħu mill-bidu ta' Marzu sa nofs Ġunju."

Għall-istess raġunijiet mogħtija għall-emenda preċedenti fil-punt 5.10 (l-applikazzjoni moderna tal-fertilizzanti u t-tekniki tal-irrigazzjoni), ċiklu ta' tkabbir ta' sena huwa biżżejjed biex il-ħmiemel tal-isprej żgħar jilħqu kundizzjoni ta' ħsad perfett sal-istaġun tal-ħsad ta' wara. Mhux meħtieġ li wieħed jistenna sentejn (2) jew 3 snin wara ż-żrigħ.

Barra minn hekk, is-sentenza li ġejja, li kienet skaduta u inkonsistenti skont l-iskema attwali tal-IĠP, ġiet riveduta: *Iridu jintużaw metodi xierqa għat-trasport tal-isprej maħsud lejn iċ-ċentri tal-ipproċessar, f'konformità mar-regoli stabbiliti mill-Bord Regolatorju għall-ħsad ta' dik is-sena*. Issa tgħid: *Iridu jintużaw metodi xierqa biex l-isprej maħsud jiġi ttrasportat lejn iċ-ċentri tal-ipproċessar, filwaqt li tingħata attenzjoni biex jiġi evitat li jinqasmu l-ponot tal-isprej jew li z-zkuk jitħallew jinxfu fi kwalunkwe punt qabel il-kunsinna*.

Il-paragrafu li jmiss ġie aġġornat ukoll. It-test il-qadim kien: *Ladarba jiġi kkonsenjat lill-impjanti tal-immaniġġjar ta' prodotti friski jew lill-impjanti tal-mili f'laned, l-ispraġ irid jitkessaħ.* Jista' jitqiegħed f'tilari li jkun fihom l-ilma biex il-bażi taz-zkuk tinżamm umda, filwaqt li jinżammu friski u mlaħħma. *L-ispraġ għandu jiġi kkundizzjonat fi żmien 24 siegħa minn meta jinħasad*. It-test il-ġdid huwa: *Ladarba jiġi kkonsenjat lill-impjanti tal-immaniġġjar tal-prodotti friski jew lill-impjanti tal-mili f'laned, l-ispraġ jitqiegħed f'tilari li jkun fihom l-ilma biex il-bażijiet taz-zokk jinżammu umdi u jinħażnu f'idrotkessieħa jew fi friġġijiet biex iżommuh frisk u mlaħħam sakemm jiġi pproċessat. L-ispraġ irid jiġi ppakkjat fi żmien 24 siegħa minn meta jiġi kkonsenjat. Dan għandu jiġi pproċessat fi żmien 72 siegħa mill-kunsinna.*

Ġew introdotti żewġ tipi oħra ta' trattament industrijali tal-ispraġ mal-kunsinna: l-idrotkessiħ u r-refriġerazzjoni. Barra minn hekk, sabiex jiġu ffaċilitati l-kontrolli u ċ-ċertifikazzjoni, issa huwa speċifikat li l-ispraġ irid jiġi kkundizzjonat fi żmien 24 siegħa mill-konsenja, aktar milli mill-ħsad. Huwa faċli li jiġi vverifikat il-ħin eżatt li fih jitwassal l-ispraġ, peress li jiġi rreġistrat b'mod elettroniku flimkien mal-piż tal-lottijiet ikkonsenjati u l-informazzjoni dwar it-traċċabbiltà. Huwa diffiċli ħafna li jiġi vverifikat il-ħin eżatt tal-ħsad. Ġie inkluż ukoll rekwiżit addizzjonali: l-ispraġ irid jiġi pproċessat fi żmien 72 siegħa mill-kunsinna.

Ġie miżjud paragrafu ġdid, li jelenka l-awtoverifiki li għandhom jitwettqu fuq il-materja prima mal-kunsinna lill-impjanti tal-immaniġġjar ta' prodotti friski jew lill-impjanti tal-mili f'laned. Għal kull aspett tal-materja prima li għandha tiġi vvalutata (li tikkonferma li l-ispraġ huwa tal-varjetà nattiva permezz tad-dehra viżiva u l-karatteristiċi organolettiċi tiegħu, it-tul massimu u minimu taz-zkuk, l-ammont ta' tarf abjad fil-bażi taz-zokk, il-verifika għal kwalunkwe difett tal-ftuħ tal-ponot bħala sinjal ta' tixjiħ, fil-ħamrija jew fid-dehra viżiva), tingħata deskrizzjoni dettaljata tal-kontrolli u tar-rekwiżiti, bil-firxiet permessi u t-tolleranzi tad-difetti. Din il-miżura ta' kontroll ġiet introdotta minħabba li hija pass ewlieni fil-garanzija tal-kwalità tal-prodott finali (spraġ frisk u fil-landa).

L-aħħar paragrafu – "Sabiex tiġi ggarantita l-kwalità tal-prodott, il-Bord Regolatorju jistabbilixxi d-data tat-tmiem għal kull ħsad" – tħassar. Dan il-kunċett ta' ġestjoni tal-kwalità huwa skadut u huwa inkompatibbli mal-istruttura taċ-ċertifikazzjoni attwali tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tal-IĠP.

Fl-aħħar nett, fl-aħħar żdied paragrafu dwar ir-rekwiżiti ta' kontroll ġenerali f'dawn l-istadji tal-proċess: *Irid ikun hemm kontrolli fis-seħħ biex jimmonitorjaw il-ħsad, it-trasport u l-kunsinna tal-ispraġ lill-impjanti rreġistrati li jimmaniġġjaw prodotti friski jew tal-mili f'laned.*

5.12. *L-aġġornament tal-kliem tas-subtaqsima "Preparazzjoni u pproċessar tal-ispraġ", is-sostituzzjoni tar-referenzi skaduti, l-aġġornament u l-kjarifika tal-prattiki, u l-istabbiliment ta' rekwiżiti ġodda b'impatt deċiżiv fuq il-kwalità tal-prodott. Taqsima E) KIF JINKISEB IL-PRODOTT*

Din l-emenda tikkonċerna l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, fil-paragrafu tas-subtaqsima "Preparazzjoni u pproċessar tal-ispraġ", fit-Taqsima E) KIF JINKISEB IL-PRODOTT.

Deskrizzjoni dettaljata tal-bidliet u r-raġuni għall-emenda

L-emenda tikkonċerna l-aġġornament tal-kliem tas-subtaqsima "Preparazzjoni u pproċessar tal-ispraġ", l-aġġornament u l-kjarifika tal-prattiki wara 20 sena. Barra minn hekk, ġew stabbiliti rekwiżiti ġodda b'impatt deċiżiv fuq il-kwalità tal-prodott.

Biex tittejjeb l-istruttura tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, l-intestatura tas-subtaqsima ġiet ittikkettata E.5. It-titolu ġie emendat parzjalment, bi "Preparazzjoni u pproċessar ta' spraġ" mibdul għal: "E.5. L-immaniġġjar u l-ipproċessar tal-ispraġ".

It-terminu "elaboración" ("preparazzjoni") ġie sostitwit b'"manipulación" ("immaniġġjar") fl-ewwel paragrafu (l-intestatura tat-taqsima). Dan huwa terminu iktar preċiż fil-kuntest tal-immaniġġjar tal-ħxejjex friski. Ċerti proċessi industrijali, li qabel kienu deskritti bħala manwali, ġew aġġornati biex ikopru wkoll il-possibbiltà ta' awtomatizzazzjoni. Il-kliem "... magħżul bl-idejn fuq ċineg trasportaturi" ġie estiż għal "... magħżula bl-idejn u/jew bil-magna fuq ċineg trasportaturi, bl-għajnuna ta' magni għat-tqattigħ ...".

Ġie miżjud paragrafu ġdid mat-taqsima "Preparazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni bħala prodott frisk": *Il-prodotti li jiġu kkummerċjalizzati friski ma jistgħux ikunu soġġetti għal proċess ieħor ta' mmaniġġjar.* Il-prattika tal-imballaġġ mill-ġdid tal-ispraġ frisk kellha tiġi pprojbita minħabba t-telf sinifikanti tal-kwalità kkawżat lill-prodott. L-ispraġ huwa ħaxix li jitħassar malajr ħafna. Huwa fraġli u delikat ħafna, b'riskju għoli ta' tbenġil u ponot maqsuma. Jista' jinxef ukoll meta jitneħħa mill-katina kiesħa, u malajr jirtab.

